DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 136/2007

tas-26 ta' Ottubru 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "'il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 99/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/322/KE tat-12 ta' Mejju 2003 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-għoti ta' l-ikel lil ċerti għasafar nekrofaġi b'ċerti materjali ta' kategorija 1 ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/324/KE tat-12 ta' Mejju 2003 rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intra-speċje għall-annimali tal-pil skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/324/KE tas-26 ta' April 2003 dwar regoli tranżitorji sanitarji u ta' ċertifikazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-importazzjoni ta' ġelatina fotografika minn ċerti pajjiżi terzi ([4]) kif ikkoreġut mill-ĠU L 208, 10.6.2004, u ĠU L 396, 31.12.2004, p. 63, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2004 li taddatta d-Deċiżjoni 2003/324/KE rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intra-speċje għall-annimali tal-pil skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba l-adeżjoni ta' l-Estonja ([5]) kif ikkoreġuta mill-ĠU L 189, 27.5.2004, p. 43, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/455/KE tad-29 ta' April 2004 li tadatta d-Deċiżjoni 2003/322/KE li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba l-adeżjoni ta' Ċipru ([6]) fir-rigward ta' l-għoti ta' l-ikel lil ċerti għasafar nekrofaġi b'ċerti materjali ta' kategorija 1 kif ikkoreġut mill-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 31, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 79/2005 tad-19 ta' Jannar 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/202 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-użu tal-ħalib, prodotti bbażati fuq il-ħalib u prodotti derivati mill-ħalib, ddefiniti bħala materjal ta' Kategorija 3 f'dak ir-Regolament ([7]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 416/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 li jemenda l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-importazzjoni mill-Ġappun ta' ċerti prodotti sekondarji ta' l-annimali, maħsuba għal skopijiet tekniċi ([8]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 47, 21.2.2008, p. 10.
([2]) ĠU L 117, 13.5.2003, p. 32.
([3]) ĠU L 117, 13.5.2003, p. 37.
([4]) ĠU L 151, 30.4.2004, p. 11.
([5]) ĠU L 154, 30.4.2004, p. 54.
([6]) ĠU L 156, 30.4.2004, p. 41.
([7]) ĠU L 16, 20.1.2005, p. 46
([8]) ĠU L 66, 12.3.2005, p. 10.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/830/KE tal-25 ta' Novembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni 2003/322/KE rigward l-għoti ta' l-ikel lil ċerti għasafar nekrofaġi b'ċertu materjal ta' kategorija 1 ([1]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 181/2006 ta' l-1 ta' Frar 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fir-rigward ta' fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija li mhumiex demel u li jemenda lil dak ir-Regolament ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 197/2006 tat-3 ta Frar 2006 dwar miżuri ta' tranżizzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 rigward il-ġbir, it-trasport, it-trattament, l-użu u r-rimi ta' dawk li kienu oġġetti ta' l-ikel ([3]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 tas-7 ta' Frar 2006 li jemenda l-Annessi VI u VIII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-ipproċessar ta' standards għall-impjanti tal-bijogass u ta' l-ikkompostjar u r-rekwiżiti għad-demel ([4]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/311/KE tal-21 ta' April 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2004/407/KE rigward l-importazzjoni tal-ġelatina fotografika ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(14) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(15) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda bil-perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttiva tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-oqsma li ma kinux applikabbli għall-Iżlanda qabel ir-reviżjoni ta' dan il-Kapitolu b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jkun emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-test tar-Regolamenti (KE) Nru 79/2005, (KE) Nru 416/2005, (KE) Nru 181/2006, (KE) Nru 197/2006 u (KE) Nru 208/2006 u d-Deċiżjonijiet 2003/322/KE, 2003/324/KE, 2004/407/KE (kif ikkoreġuti mill-ĠU L 208, 10.6.2004, p. 9) u ĠU L 396, 31.12.2004, p. 63, ta' 2004/434/KE (kif ikkoreġut mill-ĠU L 189, 27.5.2004, p. 43) ta' 2004/455/KE (kif ikkoreġut mill-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 31), 2005/830/KE u 2006/311/KE fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2007, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) jew meta tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007, liema data tkun l-aktar tard.

([1]) ĠU L 311, 26.11.2005, p. 40.
([2]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 31.
([3]) ĠU L 32, 4.2.2006, p. 13.
([4]) ĠU L 36, 8.2.2006, p. 25.
([5]) ĠU L 115, 28.4.2006, p. 40.
(*) Huma indikati obbligi kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

ANNESS

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt.

1) L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 9b (ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 7.1:

"— **32005 R 0416**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 (ĠU L 66, 12.3.2005, p. 10),

— **32006 R 0181**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 181/2006 ta' l-1 ta' Frar 2006 (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 31),

— **32006 R 0208**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 tat-7 ta' Frar 2006 (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 25)."

2) Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 41 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2007/2006) fil-Parti 7.2:

"42. **32004 D 0407**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/407/KE tas-26 ta' April 2004 dwar regoli tranżitorji sanitarji u ta' ċertifikazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-importazzjoni ta' ġelatina fotografika minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 151, 30.4.2004, p. 11), kif ikkoreġut mill-ĠU L 208, 10.6.2004, p. 9 u ĠU L 396, 31.12.2004, p. 63, kif emendata minn:

— **32006 D 0311**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/311/KE tal-21 ta' April 2006 (ĠU L 115, 28.4.2006, p. 40).

43. **32005 R 0079**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 79/2005 tad-19 ta' Jannar 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu tal-ħalib, ta' prodotti li huma bbażati fuq il-ħalib u prodotti derivati mill-ħalib, li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' materjal ta' Kategorija 3 f'dak ir-Regolament (ĠU L 16, 20.1.2005, p. 46).

44. **32006 R 0181**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 181/2006 ta' l-1 ta' Frar 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fir-rigward tal-fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija li mhumiex demel u li jemenda lil dak ir-Regolament (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 31).

45. **32006 R 0197**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 197/2006 tat-3 ta' Frar 2006 dwar miżuri ta' tranżizzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 dwar il-ġbir, it-trasport, it-trattament, l-użu u r-rimi ta' dawk li kienu oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 13)."

3) Taħt l-intestatura 'L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM DEBITAMENT IQISU' fil-Parti 7.2, għandu jiddaħħal il-punt li ġej wara l-punt 41 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/598/KE):

"Prodotti sekondarji mill-animmali li mhumiex maħsuba għall-komsum mill-bniedem

42. **32003 D 0322**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2003 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-għoti ta' ikel lil ċerti għasafar nekrofaġi b'ċerti materjali ta' kategorija 1 (ĠU L 117, 13.5.2003, p. 32), kif emendata minn:

— **32004 D 0455**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/455/KE tal-29 ta' April 2004 (ĠU L 156, 30.4.2004, p. 41), kif ikkoreġuta bil-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 31,

— **32005 D 0830**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/830/KE tal-25 ta' Novembru 2005 (ĠU L 311, 26.11.2005, p. 40)."

43. **32003 D 0324**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/324/KE tat-12 ta' Mejju 2003 rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intra-speċje għall-annimali tal-pil skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 13.5.2003, p. 37), kif emendata minn:

— **32004 D 0434**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/434/KE tat-29 ta' April 2004 (ĠU L 154, 30.4.2004, p. 54), kif ikkoreġuta bil-ĠU L 189, 27.5.2004, p. 43."